

# Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI
## Strument ta' responsabbiltà pubblika

# PASS 1: **Lment**

## Min jista' jilmenta?

Kull min iħossu affettwat mill-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI.

## Dwar xiex nista' nilmenta?

Tista' tikkuntattjana dwar azzjonijiet jew deċiżjonijiet li tħoss li l-Grupp tal-BEI naqas li jwettaq jew wettaq b'mod inġust. Tista' tilmenta dwar aċċess għall-informazzjoni, l-impatti ambjentali u soċjali ta' proġetti, reklutaġġ, eċċ. L-ilment tiegħek jista' jinvolvi kwalunkwe aspett tal-ippjanar, l-implimentazzjoni jew l-impatt tal-proġetti tal-BEI.

Tista' tissottometti l-ilment tiegħek fi żmien sena wara li ssir taf dwar il-kwistjoni.

## L-informazzjoni tiegħi hija kunfidenzjali?

Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI, magħruf bħala EIB-CM ma jistax jipproċessa lmenti anonimi. Madankollu, l-informazzjoni personali tiegħek ma tiġix kondiviża ma' oħrajn mingħajr il-kunsens bil-miktub tiegħek.

Il-kontenut tal-ilment tiegħek (bħal allegazzjonijiet) jiġu meqjusa pubbliċi, sakemm ma titlobx il-kunfidenzjalità. L-ilment tiegħek ma jistax jirriżulta f'ritaljazzjoni, abbuż jew kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni. Il-Grupp tal-BEI ma jittollera ebda tpattija.

## Kif inressaq ilment?

Bil-**miktub** permezz tal-formola tal-ilmenti online jew permezz ta' posta elettronika, fax jew bil-posta lill-indirizz tal-EIB-CM (ara d-dettalji tal-kuntatt) jew kwalunkwe uffiċċju estern tal-Grupp tal-BEI.

Tista' tissottometti l-ilment tiegħek fi kwalunkwe mil-lingwi uffiċjali tal-UE. L-EIB-CM jipprova jieħu ħsieb l-ilmenti sottomessi fil-lingwi nazzjonali uffiċjali tal-pajjiż fejn jinsab il-proġett.

Il-formola tal-ilmenti hija disponibbli fuq l-internet:
**http://www.eib.org/complaints/form**

# PASS 2: Reġistrazzjoni

### Kif inkun naf jekk l-ilment tiegħi huwiex ammissibbli?

L-EIB-CM jgħarrfek li rċieva l-ilment tiegħek fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol.

Jekk l-ilment tiegħek mhux ammissibbli, l-EIB-CM jinfurmak bir-raġunijiet.

Jekk l-ilment tiegħek huwa ammissibbli, l-EIB-CM jista' jagħtik aktar informazzjoni dwar il-proċess ta' trattament u jispjega meta tista' tistenna li tirċievi risposta.

# PASS 3: Proċess ta' trattament

### X'inhu mistenni minni f'dan l-istadju?

Il-proċess ta' trattament ivarja skont it-tip ta' lment, il-proċeduri applikati, il-valutazzjoni inizjali, u l-kumplessità tal-allegazzjonijiet jew tal-fatti żvelati.

L-EIB-CM jista' jikkuntattjak għal informazzjoni addizzjonali. L-EIB-CM jista' jwettaq missjoni ta' ġbir ta' fatti.

**Medjazzjoni:** Jekk il-partijiet jaqblu, l-EIB-CM jista' jorganizza medjazzjoni. Din tista' tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali jew is-servizzi tal-Grupp tal-BEI.

Int tista' titlob medjazzjoni.





# PASS 4: **Riżultat**

## X'inhuma r-riżultati possibbli?

- Problema solvuta
- Rakkomandazzjonijiet magħmula lill-amministrazzjoni tal-Grupp tal-BEI
- Azzjonijiet korrettivi ssuġġeriti
- Ebda azzjoni addizzjonali
- L-allegazzjonijiet jitwarrbu

## Kif inkun naf ir-riżultat?

L-EIB-CM jinformak dwar ir-riżultat permezz ta' risposta uffiċjali. Iż-żmien għar-risposta jiddependi mill-proċess ta' trattament tal-ilmenti u jista' jkun minn 25 sa 240 jum tax-xogħol mid-data tal-komunikazzjoni ta' ammissibilità. *Ara l-flowċart għal aktar dettalji.*

## X'jiġri wara dan?

Il-BEI jimplimenta azzjonijiet ta' mitigazzjoni u rakkomandazzjonijiet, jekk dawn huma inklużi fir-risposta. Ir-riżultat tal-każijiet jiġi ppubblikat fuq il-**paġna web tal-BEI**, suġġett għall-kunfidenzjalità.

Jekk m'intix sodisfatt bir-riżultat, tista' tippreżenta lment kontra l-Grupp tal-BEI quddiem l-Ombudsman Ewropew.




* A tirreferi għall-impatti ambjentali u soċjali tal-proġetti u
F tirreferi għall-governanza tal-attivitajiet finanzjarji

Il-**Grupp tal-BEI** jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Il-**Bank Ewropew tal-Investiment** huwa l-fergħa tat-tislif tal-Unjoni Ewropea.. Il-BEI jipprovdi finanzi u għarfien espert għal proġetti sostenibbli li jikkontribwixxu għall-politika tal-UE. L-azzjonisti tal-BEI huma l-Istati Membri tal-UE.

Il-**Fond Ewropew tal-Investiment** jgħin lil intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament permezz ta' firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji. L-azzjonist maġġoritarju tiegħu huwa l-BEI filwaqt li l-kumplament tal-ekwità hija miżmuma mill-UE u istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati oħrajn.

L-**Ombudsman Ewropew** huwa korp indipendenti li jissorvelja l-amministrazzjoni tal-UE. L-Ombudsman jinvestiga lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Grupp tal-BEI. Kull min iltaqa' ma' problemi fl-amministrazzjoni tal-UE, u pprova jsolvi l-problema mal-istituzzjoni mingħajr suċċess, jista' jissottometti lment lill-Ombudsman.

**Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI**
98-100 Boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379 – 14005
+352 4379 – 63362
**complaints@eib.org**

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq **www.eib.org/complaints**

05/2024 MT 2024-0165